**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 107/2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Antoine Gravina**
**(ID 292683(M))**

**Illum, 9 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Antoine Gravina** ta' 22 sena, iben John u Maria Dolores nee` Cachia, imwieled Pieta` nhar id-29 ta' Mejju 1983, residenti f'4, Triq Bur il-Lanġasa, Żurrieq, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 292683(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-26 ta' Novembru 2005 u matul ix-xahrejn ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kienetx intiża għall-użu esklussiv tiegħu;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu, mediċina psikotropika u speċifikata (Dalmane) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Maltau r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi tkun tista' tressaq il-provi sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtieġa ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat in oltre illi b'digriet tagħha, ukoll tat-23 ta' Novembru 2016, fuq talba tad-difiża, il-Qorti ordnat li jiġi redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat;

Rat in oltre illi permezz ta' digriet tal-25 ta' April 2018, fuq talba tad-difiża, il-Qorti ħatret lill-espert Dr. Edward Curmi sabiex jirrelata dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *cannabis* f'Novembru 2005 u fix-xhur ta' qabel, u kemm il-darba tali dipendenza tirriżulta, jekk din kinitx waħda gravi u medika[2];

Semgħet ix-xhieda, rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert u r-rapport redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech u rat l-atti kollha tal-każ;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċizjoni tal-Qorti u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża dwar it-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Antoine Gravina** qiegħed jiġi akkużat bil-pussess ta' diversi sustanzi, u ċioe` raża tal-*cannabis,* pjanta tal-*cannabis* u *Dalmane,* b'dan ukoll illi in kwantu r-raża tal-*cannabis* huwa qed jiġi akkużat ukoll bil-pussess aggravat ta' din is-sustanza. L-imputat ġie mixli b'dawn l-akkużi in segwitu għal żewġ investigazzjonijiet separati; waħda fit-2 ta' Ottubru 2005 u oħra fis-26 ta' Novembru 2005. Fil-waqt illi nhar it-2 ta' Ottubru

[1] Ara a fol. 144 tal-proċess.
[2] A fol. 173 tal-proċess.

2005, l-imputat allegatament instab fil-pussess ta' xi pilloli, kif ukoll traċċi ta' *cannabis* grass u tar-raża tal-*cannabis*, nhar is-26 ta' Novembru 2005, huwa allegatament instab fil-pussess ta' biċċiet tar-raża tal-*cannabis*.

Jirriżulta mis-***Social Inquiry Report*** redatt fil-konfront tal-imputat u ppreżentat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Gordon Grech fit-8 ta' Marzu 2017, illi fiż-żmien tal-istess rapport, huwa ma kienx qed juża droga u illi kien ilu ma jieħu droga minn meta daħal il-ħabs fis-sena 2015. Skont hu, kien qata' wkoll is-sustanza *DHC*, li kien jeħodha bħala kura sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Test tal-kampjun tal-urina tal-imputat irriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Skont l-istess rapport, għalkemm l-imputat ma kienx fir-rekords tal-Aġenziji li joffru servizz kontra l-vizzju tad-droga, l-istess imputat jgħid illi fil-passat, huwa abbuża minn kull tip ta' droga. Jgħid illi huwa beda juża l-*cannabis* ma' sħabu meta kellu tmintax-il sena, iżda sussegwentement beda jesperimenta bid-drogi oħrajn, partikolarment meta kien jattendi l-*parties* ma' sħabu. Mill-konklużjonijiet tal-istess rapport jirriżulta illi fil-passat, l-imputat kellu problema akuta ta' droga, li wara l-*cannabis*, beda jesperimenta bid-drogi oħrajn, fosthom pilloli (fil-*parties*), eroina u kokaina u li l-kawża ta' din il-problema kienet il-kumpanija ħażina li l-imputat kien jagħmilha magħha. Skont l-imputat, ħafna mill-każijiet li kellu l-Qorti, kienu b'riżultat tad-droga.[3]

Mill-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sas-27 ta' Novembru 2019, jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati, fosthom, pussess tad-droga eroina f'Settembru 2007, riċettazzjoni f'Mejju 2007, serq aggravat f'Lulju 2009 u ksur ta' Ordni ta' *Probation*, reat taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u pussess aggravat tad-drogi eroina u kokaina f'Mejju 2015. Dwar dan l-aħħar reat, l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija effettiva u piena pekunjarja.

In sostenn tat-talba tagħha, id-difiża ressqet ukoll bħala xhud lil **Dr John Zammit Montebello**, li jixhed illi l-ewwel darba li ra lill-imputat bħala pazjent, kien f'Mejju tas-sena 2004, f'liema żmien kien qiegħed jabbuża mill-eroina, mill-*cannabis* u mill-*ecstasy*, għalkemm fil-maġġor parti, huwa kien jabbuża mill-*cannabis* u mill-eroina. Dak iż-żmien, għalkemm diġa` kien hemm il-problemi, dawn ma kinux gravi. Skont ix-xhud, il-problemi tal-imputat imbagħad tant skalaw illi daħal il-ħabs sakemm reġa' rah fis-sena 2016. Wara li kien ħareġ mill-ħabs, huwa baqa' jabbuża mid-droga u għalhekk kien preskrivielu xi mediċina. Sussegwentement, il-kampjuni tal-urina li pprovda l-imputat minn dak iż-żmien 'il quddiem, irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Huwa rah l-aħħar f'Settembru 2017. Skont ix-xhud, l-imputat kellu problema stabbilita ta'

---

[3] Ara r-rapport esebit a fol. 151 sa 160 tal-proċess.

dipendenza fuq id-droga. Ix-xhud jgħid ukoll illi mill-istorja tal-imputat, jirriżulta illi kien hemm ċertu żviluppi li jindikaw illi hu baqa' miexi fit-triq tad-dipendenza.

Id-difiża ressqet ukoll lil **Dr Raymond Sacco** bħala xhud in sostenn tat-talba odjerna. Huwa xehed fil-25 ta' April 2018 u jgħid illi huwa ilu jaf lill-imputat odjern fil-vesti tiegħu ta' tabib tal-familja, minn meta l-istess imputat kellu madwar ħames snin. Jgħid illi huwa kien jara lill-imputat bl-istess mod li kien jara lill-ħutu, iżda kien hemm sena partikolari li fiha l-imputat kien qed jimrad spiss; kellu ħafna irjiħat u sogħla. Irriżultalu, wara li għamel xi mistoqsijiet lill-imputat, illi l-istess imputat kien qed juża d-droga u li għalhekk din kienet ir-raġuni għaliex kien qed jimrad iżjed ta' spiss. Dan kien fis-sena 2003 u fil-bidu tas-sena 2004. Dak iż-żmien l-imputat kien ammetta miegħu li kien juża l-ħaxixa u li kien beda jeqleb għall-eroina wkoll u għalhekk kien irreferih lil Dr John Zammit Montebello. Jgħid ukoll, b'referenza għal żewġ riċetti li ġew esebiti mid-difiża u datati 14 ta' Lulju 2008 u 9 ta' Settembru 2008 rispettivament, illi f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet, huwa kien ippreskriva provvista urġenti ta' *DHC* lill-istess imputat sabiex jikkumbatti l-*withrdawal symptoms.* Fi kliem it-tabib, "*Ma jkunx qed jiehu s-sustanza u kif ma jkunx qed jiehu s-sustanza jibda jhoss dak l-ugiegh u tremors u jibda jhoss dardir u bard u jkun irid xi haga biex jirriplesja l-effett tal-eroina u ahna ... naghtu d-DHC biex innaqqsu l-effett tas-side effects*".[4] Jgħid ukoll illi apparti dawn iż-żewġ riċetti, żgur li kien ippreskriva dawn il-mediċinali lill-imputat f'okkażjonijiet oħrajn u illi huwa beda jagħtih din il-kura mis-sena 2004, u anke bagħtu għand Dr. Montebello, li skont ix-xhud, ikkonferma din id-djanjosi u baqa' jagħtih l-istess mediċinali huwa wkoll. Dwar dan jispjega in oltre, illi meta huwa ra li l-imputat kellu problema tad-droga fis-sena 2004, huwa dehrlu illi ma setax ikampa waħdu mal-imputat u illi kien jeħtieġ l-għajnuna f'dan il-kamp u kien għalhekk illi rreferih lil Dr. Montebello. Jgħid in oltre illi biex tabib jasal jippreskrivi din il-kura, il-pazjent ikollu dipendenza fuq id-droga. B'referenza għaż-żmien ta' din ix-xhieda, ix-xhud jgħid illi ma jidhirlux li l-imputat kien għadu qed jagħmel użu mid-*DHCs*.[5]

Illi da parti tiegħu l-espert maħtur mill-Qorti, **Dr. Edward Curmi**, jixhed illi l-imputat għand IQ baxx ħafna, liema kundizzjoni tikkwalifika bħala diżabilita` mentali u li b'riżultat ta' dan huwa ma setax iwettaq is-solita analizi permezz ta' testijiet psikoloġiċi, iżda kellu minflok jistrieħ interament fuq l-istorja li tah l-istess imputat.[6] Minkejja dan, madankollu, l-espert jgħid illi huwa xorta seta' jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq bażi ta' probabbilta`, illi l-imputat kellu vizzju serju tad-droga, b'mod partikolari, kokaina, eroina u *cannabis* u dwar dak

[4] Ara a fol. 177 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 174 sa 181 tal-proċess.
[6] Skont l-istess espert, f'dan ir-rigward apparti l-istorja tal-istess imputat, wieħed jista' jistrieħ ukoll fuq l-istorja li jagħtu n-nies professjonali li kien jafu bil-problema tad-droga tal-istess imputat.

dak li talbet il-Qorti fil-ħatra tal-istess espert, huwa kkonkluda illi fiż-żmien tal-każ odjern, huwa kien dipendenti fuq il-*cannabis*. Skont l-istess espert in oltre, sa dakinhar tar-relazzjoni tiegħu, l-imputat ma kienx għadu jagħmel użu mid-droga.[7]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta mill-provi prodotti mid-difiża illi l-imputat għandu storja pjuttost twila ta' użu ta' droga. Apparti illi huwa jgħid lill-Uffiċjal tal-*Probation* illi beda juża l-*cannabis* meta kellu tmintax-il sena, li jfisser allura illi huwa beda jagħmel dan l-użu għall-ħabta tas-sena 2001, kemm Dr. Raymond Sacco, kif ukoll Dr. John Zammit Montebello jixhdu illi huma rriskontraw illi fis-sena 2004, l-imputat kien jagħmel użu mid-droga, li f'dak iż-żmien diġa` kienet iżjed minn tip ta' droga waħda, iżda fil-maġġor parti *cannabis* u droga eroina. Dr. Sacco jixhed ukoll illi huwa nnota li l-imputat beda jimrad ħafna matul is-sena 2003. Għalkemm Dr. Zammit Montebello jgħid illi meta huwa ra lill-imputat l-ewwel darba fis-sena 2004, il-problema kienet għadha mhijiex waħda akuta, biss da parti tiegħu, Dr. Sacco jgħid illi fl-istess sena huwa diġa` kien preskriva d-*DHCs* lill-istess imputat – mediċina din li tingħata bħala sostitut għall-eroina biex jonqsu s-sintomi ta' *withdrawal* mill-istess droga, li jfisser ukoll, anke kif jispjegaw iż-żewġ tobba illi l-imputat diġa` dak iż-żmien kellu dipendenza fuq id-droga eroina. Jirriżulta wkoll illi l-użu tad-droga da parti tal-imputat baqa' jippersisti matul is-snin, tant illi fis-sena 2008, Dr. Sacco f'żewġ okkażjonijiet preskrivielu d-*DHCs*, apparti li jgħid ukoll illi kien hemm diversi okkażjonijiet oħra li fihom huwa ppreskrivielu din il-mediċina. Mill-fedina penali tal-imputat, kif ingħad iżjed 'il fuq, jirriżulta wkoll illi l-imputat instab ħati talli kien fil-pussess tad-droga f'Settembru 2007, kif ukoll fis-sena 2015, hawnhekk inkluż ukoll id-droga kokaina, li juri għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, illi x'aktarx illi l-imputat baqa' jagħmel użu mid-droga matul is-snin. Dan apparti illi fil-waqt illi l-imputat jgħid lill-Uffiċjal tal-*Probation*, għal fini tas-*Social Inquiry Report*, illi huwa ma baqax jagħmel użu mid-droga, inkluż mill-mediċina *DHC*, meta daħal il-ħabs fis-sena 2015, mix-xhieda ta' Dr. Zammit Montebello jirriżulta illi l-imputat kien reġa' mar għandu għall-kura fis-sena 2016, meta kien reġa' beda jagħmel użu mid-droga wara li ħareġ mill-ħabs.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi ġie sodisfaċentement ippruvat illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kellu problema ta' droga u illi huwa kien dipendenti fuqha, kif ukoll fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-istess imputat u taċ-ċirkostanzi li qed jiġu allegati f'dan il-każ, illi r-reati li bihom huwa jinsab mixli kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza

[7] Ara x-xhieda tal-espert a fol. 186 sa 194 tal-proċess, kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu a fol 195 sa 205 tal-proċess.

tiegħu fuq id-droga, fit-termini tal-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre fid-dawl tax-xhieda tat-tobba fuq imsemmija, kif ukoll tal-espert Dr. Curmi, jirriżulta illi l-imputat m'għadux jagħmel użu minn sustanzi lleċiti u għaldaqstant jirriżulta wkoll sodisfaċentement ippruvat illi huwa għamel progress jew sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga, kif rikjest mill-Artikolu 8(3) tal-istess Kap. 537.

Il-Qorti fl-aħħarnett tqis ukoll illi ma tirriżulta ebda waħda mill-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u fl-Artikolu 13 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-applikabilita' tal-istess Artikolu 8.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-imputat **Antoine Gravina** quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat